MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1

**Noel Sultana**

**vs**

**Tony Xerri**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta’ Dicembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) iddegreta s-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal,
>
> Ra r-rikors tal-konvenut ta’ l-14 ta' Dicembru 2009;
>
> Kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat fir-rikors, is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2009, bdiet fil-hin appuntat, u dak in-nhar il-Gudikatur sedenti kien impenjat quddiem il-Qorti Civili ta’ Gurisdizzjoni

Superjuri presjeduta mill-Magistrat Anthony Ellul u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mis-.S.T.O. Prim Imhallef Vincent DeGaetano bejn id-9.30 u 10.45, u minn 12.45 sa 13.30. Il-kawza ssejhet fil-hin appuntat tal-11.30, u l-konvenut debitament imsejjah ma deherx, u baqa' ma deherx sal-11.55a.m. meta l-kawza kienet regghet giet imsejha ghal darb'ohra;

Illi jirrizulta minn ezami tal-verbali li l-konvenut u d-difensur tieghu naqsu ripetutament li jidhru fis-seduti appuntati;

Fl-udjenza ta' l-24 ta' Novembru 2009, gew prezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza ta' wara tad-9 ta' Dicembru 2009, dawn il-kapitoli gew miftuha wara li l-konvenut kien rega' naqas li jidher meta gie msejjah diversi drabi, u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza;

Jekk hu minnu illi dan it-Tribunal u kull Tribunal jew Qorti ohra ghandhom id-dover li jassiguraw li l-ligijiet ta' procedura jservu biex jaghtu l-opportunita` lil persuna mharrka biex tiddefendi ruhha, daqsant iehor pero` dawn l-istess ligijiet ta' procedura jipprovdu illi "jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu, jew, fil-kawzi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tieghu, jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skond il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegh ta' dik ix-xhieda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher" (Artikolu 201, Kapitolu 12) [Appell, Sede Inferjuri, **Ceilings Systems Ltd. vs D & S Lifts Ltd.,** 16/03/2005];

Illi dak rilevat mill-konvenut fir-rikors tieghu li m'attendiex quddiem it-Tribunal il-ghaliex kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol tieghu li affettwa l-mobilita` tieghu, dan qatt ma gie rrilevat lit-Tribunal qabel hlief biss fir-rikors ta' l-4 ta' Dicembru 2009, meta l-kawza kienet gia' giet differita ghas-sentenza, u t-Tribunal qatt ma gie

fornut b'certifikat mediku jew bi prova ohra konvincenti li l-konvenut kien tassew f'kundizzjoni li ma jistax johrogx mid-dar, u r-raguni migjuba lil dan it-Tribunal mhi xejn hlief skuza xejn konvincenti li m'ghandhiex mis-sewwa biex il-konvenut jipprova jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Dan it-Tribunal ma jqisx li huwa proceduralment korrett wara li nfethu l-kapitoli li jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza. B'daqshekk ma jfisserx li l-fatt li l-konvenut kien baqa' ma wegibx ghall-kapitoli, dawn ghandhom jitqiesu bhala konfessi jew li dan it-Tribunal huwa b'xi mod obbligat li joqghod fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u t-Tribunal jidhirlu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra;

Dan it-Tribunal mhuwiex konvint li l-konvenut irnexxhielu jiggustifika l-kuntumacja tieghu, u ghalhekk ma jara ebda raguni l-ghaliex ghandu jilqa' t-talba tal-konvenut, u qed jichadha u jipposponi l-kawza ghas-sentenza.**"**

Sussegwentement, fl-istess seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009 t-Tribunal ghadda biex iddecieda l-kawza hekk:-

**"**It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Frar 2009, li jghid hekk :

'Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrent Noel Sultana is-somma ta' elfejn tliet mija u dsatax –il Ewro u ghoxrin centezmu (€2,319.20) dovuti lir-rikorrenti bhala hlas ta' xoghol u parts li

saru minnu kif inkarigat mill-konvenut fuq il-vettura tal-konvenut tal-marka Opel Astra, liema ammont huwa dovut kif gej :-

€1402 – hlas ta' xoghol ta' panel beating, spray painting, u towing inkluz il-VAT ;
€ 917.20 – spejjez ta' parts.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficcjali mibghuta f'Ottubru 2008, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.'

Ra r-ripsosta tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta' Marzu 2009, li tghid hekk :

1. Illi fl-ewwel lok din hija kawza li titwieled minn kollizjoni awtomobilistika u ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza li jiddeciedi din il-kwistjoni, izda hu kompetenti c-Centru ta' l-Arbitragg.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur dejjem ftiehem mal-konvenut li kellu jithallas mill-assikurazzjoni.

3. Illi l-attur qatt ma ghadda kont lill-konvenut ;

4. Illi fil-kawza jissemmew servizzi li mhux vera li nghataw.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa esagerat meta wiehed jikkunsidra li l-entita' tal-hsarat imsemmija kienet wahda zghira.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.'

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti ;

Ra s-sentenza parzjali tat-18 ta' Settembru 2009, li permezz taghha giet deciza l-eccezzjoni mqajma mill-konvenut dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ;

Fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2009, gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza ta' wara tad-9 ta' Dicembru 2009, dawn il-kapitoli gew miftuha, u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghallum ;

Ra l-provvediment tallum stess fejn iddispona mit-talba tal-konvenut tal-14 ta' Dicembru 2009, billi cahad l-istess talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenut ghar-ragunijiet imsemmija fid-digriet ;

Ikkunsidra:

Il-kawza tittratta talba ghall-hlas ta' somma ta' elfejn tliet mija u dsatax –il Euro u ghoxrin centesimi (€2,319.20) ghall-esekuzzjoni ta' xoghol ta' *panel beating*, spray painting, towing, u bdil ta' *spare parts* fuq il-vettura tal-konvenut tal-ghamla Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni JAX 107, liema xoghol gie kummissjonat mill-istess konvenut. Dan ix-xoghol l-attur gie nkarigat li jaghmlu mill-konvenut wara li l-konvenut kien involut f'habta ma' haddiehor. Il-konvenut qed jikkontesta din it-talba tal-attur billi jippretendi li l-attur ghandu jithallas minghand il-kumpannija assikuratrici tat-terz dwar it-tiswijiet li saru fuq il-vettura tieghu ghaliex skond hu hekk kien miftiehem mal-attur. Barra minn hekk il-konvenut jeccepixxi li l-attur qed jitlob hlas ghal xoghol li ma sarx, u li l-ammont mitlub ghax-xoghol li sar huwa esagerat billi l-hsara sofferta fuq il-vettura tieghu kienet ta' entita' zghira.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li jippretendi li l-konvenut jithallas minghand il-kumpannija

assikuratrici tat-terz, din mhijiex gustifikata. Il-konvenut bl-ebda mod ma kkontesta l-fatt li kien hu li ha l-vettura tieghu ghat-tiswijiet ghand l-attur, u ma jistax jippretendi li l-attur jibqa' jistenna li xi darba jithallas minghand il-kumpannija tal-assikurazzjoni tat-terz aktar u aktar meta jidher li l-konvenut qed jikkontesta r-responsabbilita' tal-incident. Ghalhekk huwa l-konvenut li jrid jissalda l-hlas mal-attur ghall-ispejjez li gew inkorsi biex saru t-tiswijiet fuq il-vettura tieghu, bla pregudizzju ghall-kwistjoni dwar ir-responsabbilita' ghall-incident li fih il-konvenut soffra l-hsara fuq il-vettura tieghu.

Illi kwantu ghall-kreditu ta' elfejn tliet mija u dsatax –il Euro u ghoxrin centesimi (€2,319.20), dan jinsab konfermat mill-attur fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Ottubru 2009 (fol.21). Permezz ta' nota tal-20 ta' Novembru 2009, l-attur ipprezenta r-rapport tas-*surveyor* Natalino Agius dwar il-hsara subita fuq il-vettura tal-konvenut, il-kont tax-xoghol li sar mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut, u l-ircevuti tax-xiri tal-*spare parts*. Fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2009, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut. L-attur bil-kapitoli tieghu ried jipprova li l-ammont minnu mitlub minghand il-konvenut huwa dovut.

Rigward il-valur probatorju tal-kapitoli dan it-Tribunal irid jaghmilha cara li mhuwiex obbligat li joqghod dejjem u inalterabbilment fuq il-konfessjoni prezunta. Inghad li 'huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja tieghu, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni. Imma dan ma jfissrix li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawn il-provi l-ohra, il-

konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra' (Prim'Awla , **Tabib Dr. Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**, 28/06/1952).

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa d-dokumenti esibiti u b'mod partikolari s-survey report dokument NS1 a fol.24 u dak markat dokument NS5 a fol.28 tal-process, mill-liema dokumenti dan it-Tribunal jifhem li l-hsara li giet sofferta mill-konvenut fuq il-vettura tieghu u li giet imsewwija mill-attur, ma kenitx daqstant zghira ghalkemm lanqas ma kienet ta' xi entita' kbira. Jirrizulta minn dawn id-dokumenti li l-istima moghtija mis-surveyor ghax-xoghol ta' *panel beating* u *spray painting* kienu ta' erbgha mija u tletin lira Maltin (Lm430), illum ekwivalenti ghal €1001.63. Ghall-istess xoghol li gie esegwit mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut, l-attur mhuwiex qed jitlob hlas aktar minn hekk. Billi l-attur mhuwiex ezenti mill-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud, fuq dan il-kont tax-xoghol tieghu kien ukoll gustifikat li jzomm din it-taxxa ghas-servizzi minnu moghtija li tammonta ghal €180.29.

Dwar ix-xiri tal-*spare parts* l-istima moghtija mis-surveyor kienet ta' mitejn u disghin liri Maltin (Lm290), illum ekwivalenti ghal €675.52 li bit-taxxa fuq il-valur mizjud tammonta ghal seba' mija u sebgha u disghin Euro u hdax –il centesimi (€797.11). Il-hlas li l-attur qed jitlob ghall-*spare parts* li bidel jammonta ghal elf u tnejn u tmenin Euro u disa' u ghoxrin centesimi (€1082.29) inkluza f'dan l-ammont it-taxxa fuq il-valur mizjud. Minn dan il-hlas li qed jitlob l-attur hemm diskrepanza mill-istima moghtija mis-surveyor ta' €285.18, ghal liema differenza l-attur baqa' ma ta ebda spjegazzjoni dwarha. Fin-nuqqas ta' spjegazzjoni adegwata da parti tal-attur ta' kif qed jitlob is-somma ta' €285.18 aktar mill-istima tas-*surveyor*, dan it-Tribunal ma jistax iqis bhala gustifikata t-talba tal-attur ghall-hlas ta' din id-differenza kollha ghalkemm jifhem li jista' jkun

hemm varjazzjoni zghira fil-prezzijiet mill-istima originali tas-surveyor. Is-survey report huwa datat 17 ta' Novembru 2007, filwaqt li l-*parts* inxtraw mill-attur fil-15 ta' Mejju 2008. Inghad li 'ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke' fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva [Prim'Awla, **Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co. Ltd.**, 13/10/2004]. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXV P III p 615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi *vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*'. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal qed jiffissa s-somma ghall-hlas tal-*spare parts* fl-ammont ta' disgha mitt Euro (€900) bit-taxxa nkluza.

Dwar il-hlas li l-attur qed jitlob ghall-irmunkar tal-vettura tal-attur ta' €54.98 bit-taxxa nkluza, il-konvenut ma qajjem ebda eccezzjoni. Mir-risposta tal-konvenut dan it-Tribunal dehem li l-unika ilment tieghu kien dwar il-hlas mitlub mill-attur tat-tiswija, u mhux dwar il-hlas li talab tat-*towing*.

It-talba attrici timmerita ghalhekk li tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' elfejn mija u sitta u tletin Euro u disghin centesimi (€2136.90).

Wara li ra l-artikoli 3(2), 7(1), 9(2)(a)(3) tal-Kap.380.

Ghaldaqstant, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mija u sitta u tletin Euro u disghin centesimi (€2136.90), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament.

> Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal decima (1/10) parti mill-attur u l-kumplament mill-konvenut, hlief ghall-ispejjez tas-sentenza parzjali tat-18 ta' Settembru 2009, li ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut.**"**

L-appell tal-konvenut minn dan id-digriet u sentenza huwa pprezentat f'dawn it-termini:-

i. It-Tribunal ma kienx korrett li jichad it-talba tieghu sabiex iressaq il-provi tieghu wara li l-kawza kienet gja differita ghas-sentenza sussegwenti ghall-ftuh tal-kapitoli;

ii. Ma hemm xejn fil-ligi illi wara li jsiru l-kapitoli xi qorti jew tribunal huwa obbligat jghaddi mill-ewwel ghas-sentenza. Ma kienx allura lecitu ghat-Tribunal li jghaddi ghas-sentenza la kien ghad baqa' provi x'jitressqu;

iii. F'kull kaz, mill-provi li kienu tressqu mill-istess attur lanqas ma kien jirrizulta dak li verament kien qed jitlob u li gie allokat lilu mit-Tribunal;

Mill-atti tal-kaz jirrizulta bhala fatt illi fl-udjenza ta' l-24 ta' Novembru 2009 gew prezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut. Fl-udjenza sussegwenti tad-9 ta' Dicembru 2009 il-konvenut ma deherx u l-kapitoli gew mehuda bhala mistqarra. Il-kawza giet iddifferita ghas-sentenza ghat-18 ta' Dicembru 2009. Fl-14 ta' Dicembru, 2009 il-konvenut ipprezenta rikors biex it-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza wara li ppremetta illi n-nuqqas tieghu li jidher fl-udjenza kienet gustifikata minhabba li hu kien sofra incident fuq il-post tax-xoghol u wkoll ghaliex l-Avukat tieghu, fil-mument li ssejhet il-kawza, kien impenjat f'xoghol iehor barra l-Qorti u dwar dan kien informa verbalment lit-Tribunal. It-Tribunal cahad din it-talba ghar-ragunijiet imsemmija fid-digriet fuq riprodott;

Dan premess, jekk tezisti accertazzjoni sikura din taghmilha n-nuqqas ta’ presenza tal-konvenut appellat biex iwiegeb ghall-kapitolu. Qajla hemm bzonn jinghad illi skond it-termini tal-ligi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka l-konfessjoni gudizzjali tal-konvenut tal-fatt dedott fil-konfront teighu u ghall-vantagg tal-parti deferenti. Ghall-ahjar intendiment skond l-espressjoni ta’ fehma enuncjata f’gurisprudenza kopjuza “l-materja tas-subizzjoni hija trattata specjalment fil-ligi ghaliex hi materja serja, peress li biha, jekk il-parti ma tidherx, il-kapitoli jittiehdu bhala konfessati, u allura l-konvenut ikun impedut anke jaghmel appell, jekk ma jiggustifikax il-kontumacja tieghu”. Ara “**Luigi Ellul -vs- Angela Ellul**”, Appell Inferjuri, 30 ta’ Marzu 1949. Kif ulterjorment sa recentement spjegat “dan necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni illi l-appellant mhux qieghed jittanta li jappella fi proceduri fejn hu sempliciment kontumaci u allura kien bizzejjed ghalih li jiggustifika l-kontumacja tieghu biex jitratta l-appell tieghu. L-appellant qieghed fis-sitwazzjoni infelici fejn irid mhux biss jiggustifika l-kontumacja tieghu, imma wkoll li jirribatti l-prova maghmula permezz tal-kapitolu li hu kien imsejjah biex jirrispondi”. Ara “**Anthony Borg -vs- Samuel Veneziani**”, Appell Inferjuri, 28 ta’ April, 1998;

Jikkonsegwi minn dan s’issa dedott illi:-

1. Biex il-konvenut jigi restitwit *in integrum* jehtieg li hu jipprova kawza gusta ghan-nuqqas ta’ komparizzjoni fl-ewwel istanza. Ara “**Vittorio Cassar -vs- Carmelo Vassallo**”, Appell Inferjuri, 29 ta’ Mejju, 1937;

2. Din il-kawza gusta biex hu ma jidherx quddiem l-ewwel tribunal, ghalkemm saru l-kapitoli kontra tieghu, ghandha tikkonsisti f’impediment legittimu li minhabba fih ma setax jidher biex jirrispondi ghall-kapitoli li saru kontra tieghu. Ara “**Espedito Zammit -vs- Carmelo Saliba**”, Appell Inferjuri, 22 ta’ Jannar, 1945;

3. Ma tirrikorrix il-gusta kawza rikjesta mil-ligi f’kaz ta’ negligenza jew traskuragni tal-kontumaci, anke

jekk din tikkonsisti f'semplici dizattenzjoni, u dan mhux biss meta l-htija tkun tal-parti, izda anke meta tkun tad-difensur mandatarju tieghu. Ara "**Giorgio Borg -vs- Spiridione Riolo**", Appell Inferjuri, 29 ta' Lulju, 1957;

4. Hu b'mod generali rikonoxxut illi ghalkemm il-principju "*stare decisis*" ma hux assolut fis-sistema legali Malti fis-sens li l-qorti tista' tiddiskosta ruhha mill-gurisprudenza jekk thoss motiv gust biex taghmel dan, eppure meta fil-kazijiet in ispecje fejn il-gurisprudenza hi wadha konkordi ghall-perijodu hekk twil, l-istabilita` tal-gurisprudenza tesigi fl-interess generali illi l-qorti jew it-tribunal ma jiddipartix minn dik l-interpretazzjoni, ormaj oltre sekolari. Ara a propozitu wkoll f'materja ta' kapitolu s-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Mifsud -vs- Giuseppe Fsadni *et***", Appell Inferjuri, 28 ta' Settembru, 1963;

Affermat dan, bi twegiba ghal lanjanza ta' l-appellant fil-konfront tad-digriet tat-Tribunal din il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi l-appellanti, lanqas issa f'dan l-istadju, ma rnexxielu jikkonvinci b'gustifikazzjoni illi kellu motiv gust biex ma jattendix ghall-udjenza ha jwiegeb b'oneru ghall-interrogatorju kapitolat. Huwa mhux biss naqas milli javza lit-Tribunal b'semplici rikors illi hu kien impedut milli jattendi minhabba li ssubixxa griehi fl-incident minnu allegat imma wkoll, kif hekk wisq korrettement osserva t-Tribunal, lanqas indenja ruhu, flimkien mat-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, jesebixxi certifikat mediku attestanti dak l-impediment tieghu ghal dik ir-raguni;

Hu mbaghad spropozitu legali dak sottomess mill-appellanti illi accettat u miftuh il-kapitolu t-Tribunal ma setax jghaddi ghas-sentenza. Hu ghal kuntrarju esplicitament dispost fl-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995 (Kapitolu 380) illi "jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut" skond id-disposizzjonijiet relattivi taht il-Kodici ritwali "li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-

qrati inferjuri". Ara "**Dr. Lennart Depasquale -vs- Filippo Cachia**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 22 ta' Novembru, 1996;

Maghdud dan, huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu. Terga' fil-kaz prezenti t-Tribunal adit ma llimitax ruhu biex jiffonda d-decizjoni tieghu merament fuq l-istregwa tal-kapitolu u tal-mankata twegiba ghalih imma ghadda biex, gudizjozament, jistharreg fuq il-bazi tal-provi l-ohra in atti jekk it-talba attrici kienetx fondata, in toto jew in parti. Ezercizzju bhal dan kien ukoll jirrientra fil-poter diskrezzjonali tieghu li jaghmlu ghaliex ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process. Inghad a propozitu mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri illi "ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti'. Ara "**James Trapani *et* -vs- Vincent Cilia**", 28 ta' April, 2000;

Hu proprju dan l-istess ezercizzju li sar mit-Tribunal adit u li wasslu biex jittempra l-ammont reklamat bir-riduzzjonijiet li hu deherlu opportuni. Huwa inutli f'dan l-istadju illi l-appellanti iressaq sottomissjonijiet fis-sens illi l-kwantum kanonizzat ghandu jigi ulterjorment diminwit biex jikkombacja ruhu ghal dik tas-somma stabblita skond is-*survey report* ghaliex hu dik il-prova messu ghamilha fl-ewwel istanza jew almenu wara li jkun iggustifika l-qaghda kontumacjali tieghu. Jekk hu dan ma rnexxielux jaghmlu *imputet sibi*, imma ma jistax sforzosament jippretendi illi, ammess u mistqarr il-kapitolu, it-Tribunal kien messu ghadda biex jikkoncedilu li jressaq il-provi tieghu.

Pretensjoni bhal din mhix sorretta minn ebda argoment guridiku konvincenti u, anzi, hi ghal kollox insostenibbli.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------